Għajnsielem

**MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 33 – Il-Hamis, 23 t'Ottubru, 2014**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Agent Segretarju |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku.

2.0 Gew ikkonfermati l-minuti tal-laqgha ta' qabel.

**3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

3.1 26.09.2014 Is-Sindku Francis Cauchi rrefera għar-rapport li sar minn tas-Sanita li kien inxteħet tip ta' skart ta ħut jinten fil-Gudja ħdejn il-Bring In Sites. Il-Kunsill ħa ħsieb li jitneħħa.

3.2 30.09.204 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa flimkien mal-kunsilliera u l-Perit Alex Bigeni kellhom dwar l-għazla tal-istreet furniture għal Bevedere nhar it-30 ta' Settembru 2014.

3.3 01.10.2014 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-Perit Edward Scerri fejn fiha ddiskuta biex japplika għal-DNO għal Bethlehem f'Għajnsielem fejn fil-pjanta jkun hemm il-lukanda u x-xmara. Miegħu tkellem wkoll it-tender tal-resurfacing ta' Triq Hamri u Triq Ghajnsielem. Huwa semma' li l-Perit ssuġġerixxa li terġa' tinħareġ l-offerta għal-kisja waħda bi specifications ġodda.

3.4 02.10.2014 Is-Sindku rrefera għal fatt li huwa rċieva l-ħatra uffiċjali tas-Sinjura Lucienne Haber bħala Segretarju Eżekuttiv b'effett mid-29 ta' Settembru 2014.

3.5 03.10.2014 Is-Sindku kellu l-Qorti tal-Kawża magħmula minn Gasan and Mamo kontra l-Kunsill fuq is-siġra li tqaċċtet fi Triq Lourdes u għamlet ħsara lill-karozza li kienet ipparkjata.

3.6 06.10.2014 Is-Sindku amministra l-ewwel żwieġ ċivili bejn żewġ koppji Ingliżi f'Għajnsielem. Dan iż-żwieġ sar fit-torri fuq il-gżira ta'Kemmuna.

3.7 12.10.2014 Is-Sindku rrefera għat-telefonata li huwa rċieva mingħand Lorne Cremona rigward inċident li ġara lil martu kaġun tat-tappieri tal-festa taċ-ċikġifogu li tħalliet miftuħa minn tal-armar tal-festa. Din il-mara weħlitilha ż-żarbuna ġot-tappiera peress li ma kinitx magħluqa kif suppost b'detriment li bl-iskoss li ħadet xħin kienet ser taqa, waqgħetilha t-tarbija minn ġol-pushchair. Is-Sindku esprima d-diżappunt u l-preokkupazzjoni kbira tiegħu għal dan l-inċident li setgħa kellu konsegwenzi gravi ħafna u ħassu rrabbjat ħafna għal fatt li minkejja li l-Għaqdiet b' mod partikolari l-Ghaqa tan-Nar kienu avzati biex jagħlqu t-toqob għan-normal, dawn baqgħu ma tawx widen bir-riżultat li kellu jweġġa' xi ħadd. Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Għaqda tan-nar fejn għalkemm li l-Kunsill kien diġa gibed l-attenzjoni biex jingħalqu t-toqob żammhom responsabbli ta' dan l-inċident u li għal festa li jmiss tinħarġilhom kundizzjoni fil-permess li jridu jagħlqu dawn it-toqob kolla eżattament wara li jispiċċa l-ħruq taċ-ċikġifoku. Is-Sindku qal li-l-għada ta' dan l-inċident il-ħaddiema tal-Kunsill għalqu it-toqob li kienu għadhom miftuħa biex jitneħħa l-periklu.

3.8 13.10.2014 Is-Sindku daħallu lment li l-iskip tar-restaurant tal-Football Club li kien ġol-grawnd issa tpoġġa ħdejn l-entratura tal-Kunsill, qiegħed ta' nkonvenjent għat-tfal tal-iskola u l-ġenituri li jkunu qed jistennew lill-uliedhom ħerġin mill-iskola. Sar qbil li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Football Club kif ukoll tal-KIP bħala provider tal-iskip biex jitneħħa minn hemm u jitpoġġa f'post li ma jkun ta' nkonvenjenza għal ħadd.

3.9 13.10.14 : Daħal rapport li kien sfrundat il-bieb ta' kamra f'ta' Passi fejn kienu insterqu l-kanni u fittings tar-Red Coats fejn kienu merfugħa f' din il-kamra.

3.10 14.10.14 Is-Sindku qal li kien mar l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat fejn għamel rapport li kienu nterqu il-kanni u xi fittings f'ta' Passi. In-Numru tar-rappoert hu 10/Z/3896/2014. Lucienne għamlet rapport ukoll dwar dan is-serq lis-sur Joseph Portelli, d-Direttur fil-Ministeru għal Għawdex peress li f'dan il-post ikun hemm il-watchman imqabbad mil-Ministeru.

3.11 15.10.2014 Is-Sindku rrefera għat-talba li l-Kunsill kien għamel mad-Dipartiment f'Marzu 2014 rigward il-proposta ta' proġett fuq skema Public Private Partenship ma ghajnsielem F.C. u li għalija kien baqa' ma ħax risposta. Meta erġajna bgħatna reminder tul dawn l-aħħar jiem, irċevejna risposta li d-dipartiment kien bgħatilna ittra f'April fejn fiha kien talabna biex nirrispondu sitt mistoqsijiet u xi dokumenti u evidenzi. Is-Sindku semma' li din l-ittra qatt ma tressqet fil-laqgħa tal-Kunsill. Huwa semma' li issa kien mar għand l-avukata tal-

Kunsill sabiex ikun jista jagħti r-risposta lid-Dipartiment. L-avukata għamlet dan ir-rapport fejn intbagħtu d-dokumentazzjoni kollha rikjesti u qed nistennew mingħand id-dipartiment.

3.12 16.10.14 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa fil-Kunsill maċ-Chairman u s-Senior Manager tas-Swieq Miftuħa fi ħdan il-Ministeru tal-Ekonomija dwar il-monti f' Għajnsielem. Ġie deċiż li dawn għandhom jibgħatu lill-Kunsill ir-regolamenti ġodda u qisien tal-istands li għadhom kif ġew implimentatai fis-suq tal-belt Valletta. Huma ssuġġerewlna ekoll biex inqbbdu perit biex jissottemetti pjanta kif iridu jkun l-istands. Ġie deċiż li nqabbdu lill-perit Shawn Micallef biex jagħmel dan ix-xogħol.

3.13 20.10.14 Ktibna lid-Direttur tal-Gvern Lokali biex peress li konna ser nibdew niġu ċċarġjati 10 euros extra tal-pis tal-iskart minħabba l-iskart tal-Iskola ġdida tal-MCAST biex għal budget li ġej il-Kunsill tiżdiedlu l-allokazzjoni minħabba din il-problema. Id-Direttur wieġeb li skond il-liġi l-iskart kollu tal-Iskejjel hu obbligat li irid jinġabar mil-Kunsill u għalhekk id-Dipartiment mhux obligat li l-Kunsill tingħatalu żieda fl-allokazzjoni.

3.14 20.10.14 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma Krista Farrugia u żewġ esperti oħra morna t-Transport Malta Sa Maison sabiex niddiskutu l-proġett li l-Kunsill qed jagħmel fuq s-Sustainability Action Plan fuq ir-raħal ta' Għajnsielem. Ahna ltqajna mas-sur Sladden, li hu l-bniedem inkarigat fuq is-sistema ta' T.M. Ġie ppreżentat lis-sur Sladden il-proġett fuq il-computer fejn dan il-proġett ingħoġob ħafna u faħħar lill-Kunsill ta' din l-inizjattiva. Hu qal li kien ser jgħin lill-Kunsill pero jinħtieġ li l-ewwel il-Kunsill għandu jergħa jagħmel l-aħħar Public Consultation man-nies tal-lokal.

3.15 21.10.2014 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellhom is-Sindki flimkien mal-Arċiprieti tal-parroċċi għawdxin mal-President ta' Malta Marielouise Coleiro Preca rigward il-Community Chest Fund. Huwa rrefera għal-laqgħa nformattiva dwar kif intefqu l-flus tal-Community Chest Fund u għal fatt li l-President appellat sabiex kull lokalita' tgħin biex jinġabru kemm jistgħu flus. Huwa pjanat li fit-13 u l-14 ta' Diċembru ser iddur l-irħula Għawdxin. Il-Kunsill qabel li għandu jħeġġeġ l-għaqdiet sabiex jagħmlu d-donazzjoni tagħhom.

3.16 21.10.2014 Saret referenza għal-laqgħa li s-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi Għawdxin kellhom mal-MEUSAC rigward progett tas-Sign Posting kollettiv għal Għawdex. Il-proġett jagħti kontribut ta' 70% , 20% mill-Cofinancing fund u l-10% mill fondi tal-Kunsill. It-18% VAT ukoll iridu jitħallsu mill-Kunsill. Il-proġett globali li l-Kunsilli qablu fuqu huwa ta' locality maps li fihom jiġu ndikati l-postijiet ta' nteress tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal tlieta minn dawn il-mapep; waħda titpoġġa fil-Belveder ta' Triq Hamri, oħra fil-Pjazza tad-Dehra u oħra fi Triq l-Imgarr ħdejn ir-Rexy Restaurant.

3.17 21.10.2014 -22.10.2014 L-Awditur tal-Kunsill għamel l-Interim Audit sal-31.08.2014 biex jagħlaq l-Accounts mat-tmiem tal-impjieg tal-eks Segretarju Eżekuttiv Amanda Abela.

3.18 Ġiet trattata l-ittra mingħand Għajnsielem Football Club fejn ċaħdu r-rapport li rċieva l-Kunsill dwar l-użu ħażin tal-latrina fi żmien il-festa.

3.19 Ġiet trattata l-ittra mingħand Transport Malta fejn talbu lil Kunsill sabiex jagħmel żewg roadhumps fil-Port tal-Mġarr kif indikati. Il-Kunsill qabel li fuq korrispondenza li għaddiet preċedentament fuq din it-triq, il-Kunsill iħoss li slow signs ikunu biżżejjed u fl-istess ħin jevita l-ispiża tar-road humps.

3.20 Saret referenza għat-talba ta' slow u stop sign fi Triq Benghazi għal Triq il-Ġnien. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lil Transport Malta.

3.21 Saret referenza għat-talba ta' żebra crossing temporanja fi triq Mġarr fejn ta' Passi. Sar qbil li jekk Transport Malta ma tapprovahiex temporanjament, il-Kunsill għandu jressaq it-talba biex issir waħda permanenti.

3.22 Saret referenza għat-talba ta' bozza ġdida minn Rikardu Attard fir-razzett tiegħu fi-triq Cordina. Sar qbil li peress din ma tistax teħel ġewwa għanda ssir talba biex il bozza li hemm fil-qrib mal-garage ta' dan il-bidwi tigi spostjata fi ftit metri l-isfel fuq l-istess garage fejn tkun tista tagħti dawl kemm fit-triq kif ukoll għal fuq il-passaġġ tar-razzett.

3.23 Ġiet trattata l-ittra mingħand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Permessi tal-Imwejjed u siġġijiet fi triq Manuel de Vilhena fil-port tal-Mġarr fil-ħanut ta Pawlu Rapa.

3.24 Ġiet trattata t-talba ta' żewġ lampi ġodda fi Triq Cordina. Sar qbil li għandna napplikaw għal dawn il-lampi ġodda skond is-site plan provduta.

3.25 Ġiet trattata l-ittra ta' ringrazzjament mingħand il-Fondazzjonii Arka rigward l-attivita orgnanizzata mill-Island Cart Club bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar is-7 ta' Settembru 2014 fejn id-dħul kollu minn din l-attivita' mar għal din il-Fondazzjoni.

3.26 Saret referenza għal fatt li l-Kunsill għamel il-Facebook page tiegħu biex iżomm kuntatt dirett soċjali maċ-ċittadin. Il-Kunsill qabel li din il-paġna għandha tinżamm updated regolarment.

## 4.0 Bethlehem f'Għajnsielem

4.1 Is-Sindku rrefera għall-attivita' Bethlehem f'Għajnsielem u għal fatt li fl-Estimi Finanzjarji tal-Kunsill għas-sena 2014, ġew ivvutati €8000 għal din l-attivita'. Huwa rrefera għall-għajnuna li għandhom jgħaddulna mill-

Ministeru għal Għawdex li għandha tkun ta' madwar €5000 minn EKO Għawdex u jista jkun ukoll li jekk toħroġ l-iskema tal-attivitajiet kulturali nkunu nistgħu nibbenifikaw minnha. Saret referenza għad-dħul u nfieq li sar fis-sena 2013 għall-istess attivita'. Bħala dħul il-Kunsill kellu €10,000 mill-iskema tal-Gvern Ċentrali u nefaq €11000 addizzjonali mill-fondi tiegħu apparti spejjeż oħra li ħareġ il-Kumita Organizzattiv.

4.2 Is-Sindku semma' kif għal din is-sena l-Kunsill diġa nefaq €4000 u għad fadal ħafna spejjes li huma committed fosthom kiri ta' mobile toilets, kiri ta' ambulanza, sound system, ikel għall-annimali, servizz tal-banda, printing ta' inviti, posters u ktejjeb, spejjes ta' kostruzzjoni, injam u ħafna ħtigijiet oħra. Il-Kunsill irrangrazzja lill-kunsillier Peter Caruana li ser jibni hu stess id-dgħajsa għax-xmara mingħajr l-ebda interessi.

4.3 Il-Kunsill qabel li din is-sena ma għandux jeċċedi l-ispiża ta' €10,000 mill-fondi tiegħu għal din l-attivita'.

**5.0 Premju Ġieħ Għajnselmiż**

5.1 Peress li fis-snin l-imgħoddija kien hemm xi kummenti li l-għażla ta' Ġieħ Għajnselmiż mhix waħda ġusta, il-Kunsill qabel li għandna noħorġu b'sistema aktar ġusta u li ħadd ma jassoċċja n-nominazzjoni ma' l-ebda kunsillier.

5.2 Sar qbil għalhekk li kull kunsillier tingħatalu karta li fuqha jniżżel sa massimu ta' żewġ nominazzjonijiet. Dawn in-nominazzjonijiet jintefgħu f'envelope wieħed u tiftaħhom is-Segretarja. Minnhom għandha tinħareġ lista u ssir votazzjoni sigrieta fuqhom sakemm jintgħażel/tintagħżel il-persuna li tkun nominata' għal Ġieh Għajnselmiż ta' dik is-sena partikolari.

5.3 Sar qbil li din il-votazzjoni għandha ssir fil-laqgħa li jmiss.

**6.0 Attivitajiet għal Ġimgħa Għajnsielem**

6.1 Għal Ġimgħa t'Għajnsielem, il-Kunsill qabel li għandu jorganizza ħarġa għall-anzjani. Sar qbil li l-ħarġa għandha tikkonsisti f'quddiesa, tombla u ikla. Sar qbil li għandna niġbru xi stimi għal din l-attivita'.

6.2 Sar qbil ukoll li għandha ssir zjara lill-anzjani li ma joħorġux minn djarhom.

6.3 Sar qbil ukoll li Ġieh Għajnselmiż għandu jkun parti minn dawn l-attivitajiet u s-serata għandha tinżamm fil-Grand Hotel.

## 7.0 Attivitajiet għall-Milied

7.1 Il-Kunsill qabel li minbarra Bethlehem f'Għajnsielem u t-tiżjin mat-toroq, għandhu jtellgħa attivita' għat-tfal fl-okkazzjoni ta' dawn il-festi.

7.2 Sar qbil ukoll li għandha tinżamm get-together għall-kunsilliera u staff skond il-Memo 29/2013

## 8.0 Għazla tal-istimi tat-Tiżjin tal-Milied

8.1 Għall-istima li l-Kunsill ippublika pubblikament, intefgħu żewġ offerti; mingħand:-
D Illuminations Ltd għal prezz ta' €2697.48 inkluż il-VAT u oħra mingħand
Chris Gauci għal prezz ta' €2400 inkluż il-VAT.

8.2 Il-Kunsill ra d-disinni provduti u qabel li għandu jagħżel l-orħos offerta, dik ta' Chris Gauci.

## 9.0 Public Consultation Meeting- Proġett Green Infranet

9.1 Il-Kunsill qabel li fl-għeluq tal-proġett Green Infranet għandu jżomm Public Consultation Meeting sabiex juri lill-pubbliku r-riżultati miksuba minn studju li sar marbut ma' dan il-proġett u kif Għajnsielem jista jigi trasformat f'lokalita' isbaħ u aktar ħadra.

9.2 Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa Pubblika għall-aħħar tax-xahar ta' Novembru.

## 10.0 Talbiet mir-residenti

10.1 Tressqet it-talba sabiex issir mera żgħira quddiem ir-residenza ta' Joseph Scicluna fi Triq Fawwara. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu l-approval ta' Transport Malta u li din għandha ssir ma arblu faċċata.

## 11.0 Materji oħra

11.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li peress li l-impjegati tal-Kunsill issa ilhom ftit żmien mhux ħażin mal-Kunsill u qed jaqdu dmirhom tajjeb ħafna u ħafna drabi qed jittrattaw sitwazzjonijiet fejn jitolbu responsabilitajiet aktar milli huma assenjati lilhom, jħoss li wasal iż-żmien li fil-Kunsill ikun hawn impjegati ta' skala għola, dik ta' skala 13 bħala Uffiċjal Eżekuttiv u dik ta' Assistent Prinċipal fi skala 11. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekjaw mad-dipartriment x'jinħtieġ isir u fil-każ noħorġu sejħa nterna għal dawn il-gradi u li għandha tagħlaq fil-31 ta' Ottubru 2014.

11.2 Il-Kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex Triq Benghazi titnaddaf mill-ħaxix u wkoll sabiex is-sleeping policeman li hemm fl-istess triq li tagħti għal Triq Borġ Għarib, tinżebagħ bl-isfar.

11.3 Il-Kunsillier Mercieca ssuġġerixxa wkoll li għandhom isiru railings tal-istainless steel mat-taraġ tal-uffiċju tal-Kunsill li jagħti għal board room.

11.4 Il-Kunsillier Stephen Mercieca propona wkoll sabiex nitolbu lill-kap tal-iskola primarja sabiex naraw jekk fadalx xi kamra li nistgħu nittrasformawha f'Muzew tal-informazzjoni dwar Għajnsielem.

11.5 Il-kunsillier Peter Caruana talab sabiex jinżebgħu double-yellow lines fi Triq il-Ġnien ( fejn tax-Xelina) peress li fil-kantuniera qed jeħel it-traffiku. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lil Transport Malta.

11.6 Is-Sur Caruana rrefera għal siġra mejta tal-ħarrub fi Triq Lourdes li jinħtieg li tiġi trimjata għax qegħda ta' periklu.

11.7 Huwa rrefera wkoll għat-taraġ il-ġdid tal-Belvedere sabiex nagħmlulu railings miegħu.

11.8 Il-kunsillier Caruana rrefera wkoll għal fatt li peress li bħalissa t-Trasport Pubbliku qed jgħaddi minn Triq Hamri, jinħtieġ li jsiru żewg Bus Stops. Is-Sindku semma' li diġa hemm talbiet simili quddiem Transport Malta u għad ma għandniex risposta fuqhom.

11.9 Il-kunsillier Peter Caruana staqsa wkoll f'liema fażi wasal il-mafkar tal-Football. Sar qbil li għandha tintalab Notifikazzjoni minn Transport Malta biex jitkompla x-xogħol u l-bini ta' dan il-monument isir mill-ħaddiem tal-Kunsill taħt l-osservazzjoni tal-perit. Wara issir kwotazzjonibiex dan il-monument jinkesa bit-travertine.

11.10 Il-Kunsillier Caruana rrefera għal-lukanda li nbniet fil-limiti ta' Mgarr ix-Xini in konnessjoni mal-film ta' Brad Pitt u Angelina Jolie, fejn huwa ssuġġerixxa li għandha ssir talba biex tibqa hemm bħala attrazzjoni turistika. Is-Sindku wieġeb li dan is-suġġeriment huwa diffiċli ħafna li jintlaqa' mill-MEPA peress li din inbniet fuq temporary permit mill-MEPA u biex tibqa hemm tkun tinħtieġ full development permit. Barra minn hekk din iz-zona hija fl-O.D.Z.

11.11 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa kellu mal-bniedem inkarigat fuq dan ix-xogħol tal-istess film rigward l-injam li ntuża li kien ser jiġi mormi wara li tiżżarma l-lukanda fejn dan kien qal li kien jaqbel ma dan is-suġġeriment għax b'hekk dan l-injam kien ser ikun jiġi riċiklat u kien ser jgħaddi din il-proposta tas-Sindku lill-producer tal-film. Is-Sinku qal li ħaġseb li għalkemm din il-proposta ġiet mgħoddija pero s'issa għad ma għandna l-ebda konferma.

11.12 Is-Sindku rrefera għal kors ta' jumejn li ser isir f'Għajnsielem stess mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju, kif wieħed jagħmel il-presepju. Sar qbil li għandna nirreklamaw dan il-kors mar-residenti.

11.13 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex żewg potholes fi Triq tax-Xatt l-Aħmar jimtlew bis-cement.

11.14 Il-kunsillier Buttiġieġ talab ukoll sabiex jitnaddfu l-ġnub tat-Triq li miċ-ċimiterju tieħu lejn il-Heliport, preferabilment b'daqqa ta' gaffa biex b'hekk titwessa u tindaf l-istess triq.

11.15 Is-Sindku rrefera għall-aħħar konferenza konnessa mal-proġett Green Infranet li għandha ssir fi Flevoland, l-Olanda bejn it-3 u l-5 ta' Novembru. Huwa semma' li meta ċċekkjajna kemm huwa l-bilanċ tal-proġett taħt il-vot ta' Travelling u Accomodation li jkunu mħallsa mil-fondi tal-U.E., irriżulta li kien għad fadal bilanċ aktar minn dak stmat. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li bħala għeluq tal-proġett ikun xieraq li jmur il-Kunsill kollu peress li matul din il-Konferenza finali ser jiġu diskussi proġetti futuri bħala network.

11.16 Is-Sindku rrefera wkoll għal-miġja fostna tad-delegazzjoni minn Tolfa mmexxija minn Alessandro Battilocchio fejn matulha ser jagħmlu diversi laqgħat ma' negozjanti u anke ser iżuru l-uffiċċju tal- Prim Ministru ta' Malta. Huwa semma' li huma jixtieqi li jiġu ġurnata Għawdex u wkoll jiltaqgħu mal-Kunsill, nhar il-Hamis 6 ta' Novembru.

11.17 Saret referenza għal fatt li l-eks Segretarju Eżekuttiv ġiet avviċinata biex il-Kunsill jipprreżentalha rigal u wkoll isiru xi refreshments bħala rikonoxxamet tal-ħidma li wetqet fil-Kunsill iżda hija ma aċċettatx.

11.18 Tqajmet id-diskussjoni dwar meta ser jiskadi l-kuntratt tal-mobile tal-Kunsill. Ġie deċiż u sar qbil li peress li l-Kunsill ma kellux kopja tal-kuntratt tal-mobile, il-Kunsill għandu jitlob lill ex Segretarja tal-Kunsill biex din tibgħat kopja ta' dan il-kuntratt sabiex ikun jista jsir it-trasferiment u modifikar għal fuq il-Kunsill. Wara l-Kunsill għandu jiddeċiedi jekk għandux isir kuntratt ġdid meta dan jiskada.

11.19 Sar qbil li fl-avviżi li jmiss tal-Kunsill, issir enfasi dwar il-ħmieġ li qed ikun hawn mill-klieb f'diversi toroq tal-lokal.

11.20 Il-laqgħa ntemmet fis-6:00pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 27 ta' Novembru 2014 fit-3:00pm.

Il-laqgha ntemmet fis-6:00 ta' filgħaxija.

**Francis Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**